**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 3 ta' Ottubru, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**-vs-**

**James Zammit Gauci detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 291068M**

Kumpilazzjoni Nru. 1292/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat James Zammit Gauci talli:

F`dawn il-Gżejjer fl-10 ta' Awwissu, 2013, għall-ħabta tal-ħamsa neqsin għaxra ta' filghodu (04:50a.m) –

1. uża jew ġiegħel jew ħalla lil persuna oħra u cioe` lil Victoria Miggiani tuża vettura tal-ghamla Alfa Romeo numru ta` registrazzjoni GBI 242 bil-mutur fit-toroq, kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew mill-persuna imsemmija, skont il-każ, ma kenitx seħħet polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni (Art 3(1) Kap 104 Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għall-Riskji ta' Terzi persuni);
2. fl-10 ta' Awwissu 2013 u/jew fil-ġranet/ġimgħat ta` wara ddenunzja lill- Pulizija Esekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq traċċi ta` reat b`mod li setgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex tiżgura li dak ir-reat kien sar.(Art. 110 (2) Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta);

3. fl-istess perjodu sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, xjentament għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta` tagħrif falz (Art. 188 (1)(2) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta).

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazjoni.

Ikkunsidrat-
Illi l-imputat jinsab akkuzat li ppermetta lil terza persuna tuza l-vettura tieghu meta din ma kienitx koperta b'polza tal-assikurazzjoni, kif ukoll b'holqien qarrieqi ta' provi foloz u dikjarazzjoni falza lill-awtorita` pubblika.

Illi l-Ispettur Antoine Cilia xehed dwar il-fatt li nhar is-27 ta' Lulju, 2014, f'seduta tal-*Collisions* l-imputat odjern kien ammetta quddiem il-Qorti li hu kien ta informazzjoni falza lill-pulizija meta kien stqarr li kien qed issuq il-vettura msemmija huwa stess, meta fil-fatt kienet qed isuq persuna ohra li ma kienitx koperta b'polza tal-assigurazzjoni. Abbazi ta' din ix-xhieda dik il-Qorti ordnat li l-imputat kellu jigi investigat dwar il-fatti kif ammessi minnu wara li stqarr taht gurament li dakinhar tal-incident ma kienx hu li kien qed issuq il-vettura li kienet registrata f'ismu izda persuna ohra li ma kienitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni.

PS928 Ramon Grech xehed kif fl-10 t'Awissu, 2013, kien hemm incident stradali fejn Alfa Romeo kienet dahhlet go *central strip* u go sigra. Kien hemm persuna femminili li kienet fuq il-*passenger seat* u kienet qed tigi assistita minn membri tal-ambulanza li kienet giet fuq il-post. L-imputat kien sarlu *breathalizer test* fejn instab li kien posittiv b' 74/100mg. Is-Surgent jikkonferma li l-imputat kien qallu li hu kien is-sewwieq tal-vettura imsemmija.

John Sacco, rapprezentant tal-Atlas Insurance xehed li l-vettura Alfa Romeo GTV involuta f'dak l-incident, bin-numru GBI-242, fiz-zmien li sehhew ir-reati addebitati kienet assikurata f'isem l-imputat (Dok.JS). Gie indikat lill-Qorti li kienet saret *insurance claim* dwar incident li sehh nhar l-10 t'Awissu, 2013, u

minn dokumentazzjoni esebita (Dok. JS1) irrizulta li gie ndikat li kien qed issuq il-persuna li kienet insured. Izid li *authorised drivers* kienu biss l-imputat u martu.

Illi l-imputat qeghed jeccepixxi li l-azzjoni fil-konfront tieghu in kwantu ghall-ewwel imputazzjoni hija preskritta ai termini tal-artikolu 3(3) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:

"(3) Għad illi f'liġijiet oħra jista' jkun hemm żmien stabbilit li fih għandhom isiru proċeduri quddiem qorti, il-proċediment għal reat taħt dan l-artikolu jista' jsir -
(*a*) fi żmien sitt xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat; jew
(*b*) fi żmien li ma jiskorrix la tliet xhur mid-data li fiha l-prosekuzzjoni tkun ġiet taf li sar ir-reat u lanqas sena mid-data li fiha jkun sar ir-reat, skont liema żmien minnhom ikun l-itwal."

Illi mill-atti jirrizulta li r-reat sehh fl-10 t'Awissu, 2013, izda kien fis-27 ta' Lulju, 2014, li l-prosekuzzjoni giet a konjizzjoni ta' dan ir-reat u dan wara x-xhieda moghtija mill-imputat fil-kors ta' proceduri ohra. L-akkuzi odjerni inhargu fis-26 ta' Dicembru, 2014. Ghalhekk l-eccezzjoni dwar preskrizzjoni tal-ewwel imputazzjoni qed tigi milqugha.

Illi fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohra, l-prosekuzzjoni ma gabietx l-ahjar prova dwar dak li sehh quddiem l-Qorti li kienet qed tippresjedi is-seduta tal-kollizjonijiet, fejn kienet ix-xhieda tal-imputat moghtija quddiem dik il-Qorti li skattat dawn l-akkuzi, izda strahet biss fuq id-depozizzjoni tal-Ispettur Cilia li zgur li ma tistghax titqies li hi l-ahjar prova.

Illi tenut kont li l-proceduri dwar kollizzjonijiet rarament ikun fihom traskrizzjoni tax-xhieda, wiehed kien jistenna li l-Prosekuzzjoni tesebixxi minn tal-inqas kopja awtentikata *tal-akkuzi u l-verbali relattivi* ta' dawk il-proceduri minn fejn jirrizultaw l-fatti li xehed dwarhom l-Ispettur Cilia u senjatament kwalunkwe dikjarazzjoni maghmula mill-imputat quddiem dik il-Qorti u/jew verbal li jindika li kien hemm ammissjoni min-naha tal-imputat. Ix-xhieda moghtija mill-Ispettur Cilia ma tammonta ghal xejn iktar minn *hearsay evidence* u ghalhekk ser tigi skartata.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu fuq nuqqas ta' provi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**

**Magistrat**